MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**IAN SPITERI BAILEY**

Seduta tat-28 ta' Frar, 2006

Talba Numru. 2474/2003

**Cornflower Shipping Limited**

**Vs**

**Bank of Valletta Plc u b'digriet tat-23 ta' Jannar 2004 giet ordnata l-kjamata in kawza tas-socjeta' HSBC Bank Plc**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fit-12 ta' Dicembru 2003 fejn s-socjeta' attrici talbet sabiex dan it-Tribunal jiddikjara u jiddeciedi illi s-socjeta' konvenuta hija responsabbli ghad-danni sofferenti mill-atturi fis-somma ta' sitt mija, erbgha u hamsin Liri Maltin u tletin centezmu (Lm654.30) oltre l-imghax legali mill-5 ta' Ottubru 2002,

rapprezentanti hlas in debitu maghmul mis-socjeta' konvenuta meta ictu oculi sarfet cekk numru 8200 mahrug minn A & J Company Limited lil Cornflower Shipping Limited, pero' li gie msarraf lil terzi persuni mhux awtorizzati.

Tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' sitt mija, erbgha u hamsin Liri Maltin u tletin centezmu (Lm654.30) oltre l-imghax legali ta' flus mhallsa indebitament b'negligenza u imperizja u in osservanza tar-regolamenti bankarji bi traskuragni.

Bl-ispejjes komprizi dawk tal-ittra legali tal-21 ta' Mejju 2003 u bl-ingunzjoni tal-konvenut ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-Bank konvenut Bank of Valletta plc tal-15 ta' Jannar 2004 fejn gie mistqar illi:

1. L-eccipjenti ma hijiex il-legittima kontradittrici f'din il-kawza u kienet is-socjeta' HSBC Malta Bank p.l.c. li hallset lil *payee* u/jew tat valur lill-istess *cheque* fil-konfront tal-*payee* kif dehrilha l-istess socjeta' HSBC Bank Malta p.l.c.

2. Subordinatament u minghajr ebda pregudizzju, ir-relazzjoni tas-socjeta' attrici hija biss mat-trajenti A & J Company Limited u talvolta mas-socjeta' HSBC Bank Malta p.l.c. li baghtet ic-*cheque* lis-socjeta' eccipjenti, pero' is-socjeta' eccipjenti ma ghandha l-ebda relazzjoni la mas-socjeta' attrici u lanqas mal-*payee* kif indikat fl-istess *cheque*.

3. Subordinatament u minghajr edba pregudizzju, il-Bank ma kien bl-ebda mod negligenti u mexa skond il-prattika bankarja billi hallas lis-socjeta' HSBC Bank Malta p.l.c. kontra c-*cheque de quo* mibghut mill-HSBC Bank Malta p.l.c. u ghalhekk l-eccipjenti ma hija responsabbli ghal ebda danni reklamati mis-socjeta' attrici.

Ra illi fis-seduta tal-23 ta' Jannar 2004, s-socjeta' attrici talbet il-kjamat in kawza tas-socjeta' HSBC Bank (Malta) plc;

Ra illi f'dik l-istess seduta t-Tribunal laqa' t-talba u ordna l-kjamat in kawza HSBC Bank (Malta) plc;

Ra illi l-Bank kjamat in kawza HSBC Bank (Malta) plc gie notifikat fil-25 ta' Frar 2004 u pprezenta risposta fid-9 ta' Marzu 2004, fejn stqarr illi:

1. It-talbiet attrici fil-konfront tal-kjamata in kawza huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra s-socjeta' attrici, stante illi ai termini ta' l-Artikolu 184 tal-Kap. 13 tal-Ligijiet ta' Malta, "Dak li jhallas kambjala mhux obbligat jivverifika l-awtenticita' tal-giri".

2. Inoltre jigi rrilevat illi c-cheque in kwistjoni kien "drawn" fuq is-socjeta' konvenuta, li kellha kull jedd u opportunita' illi tirrifjuta li thallas u konsegwentement tirritorna c-cheque lis-socjeta' HSBC Bank Malta plc, wara li tkun ghamlet il-verifiki kollha necessarji minn-naha taghha – u dan ai termini ta' l-Artikoli 10 u 11 tal-Malta Clearing House Rules and Regulations, annessi u mmarkati Dok. MCH1. Is-socjeta' konvenuta la qatt irrifjutat u lanqas ma rritornat ic-cheque in kwistjoni, u konsegwentement, kienet qed tirrinunzja ghad-drittijiet taghha skond ir-Regolamenti msemmija, u tassumi kull responsabbilta' ghall-hlas.

3. Subordinatament, u minghajr ebda pregudizzju ghall-premess, is-socjeta' kjamata in kawza ma naqset bl-edba mod fil-konfront tas-socjeta' attrici izda mxiet mal-ligijiet, Regolamenti u konswetudnijiet kollha bankarji – u ghalhekk m'hijiex responsabbli ghad-danni reklamati mis-socjeta' attrici.

4. Salv eccezzjonijiet ohra jekk ikun il-kaz.

Ra illi b'digriet tad-9 ta' Mejju 2005, it-Tribunal awtorizza lis-socjeta' kjamata in kawza tressaq eccezzjoni ulterjuri, kif tinsab a fol 76 tal-process, fejn gie eccepit ulterjorment mis-socjeta' kjamata in kawza illi ma tezisti l-ebda relazzjoni guridika bejn is-socjeta' attrici u s-socjeta' HSBC Malta plc fil-kwistjoni mertu ta' dina l-kawza, u l-

unika persuna li batiet hsara bit-tisrif tac-cheque hija A & J Co. Ltd. liema socjeta' m'hijiex parti f'dina l-kawza, u kwindi s-socjeta' eccipjenti ghandha tigi lliberata mill-osservanza tal-gudizzju bl-ispejjez kontra s-socjeta' attrici;

Ra d-dokumenti annessi mar-risposta tal-HSBC Bank (Malta) plc, DOK MCH1;

Ra x-xhieda kollha prodotti u d-dokumenti kollha esebiti mill-partijiet;

Ra illi fis-seduta tat-2 ta' Gunju 2005 l-kawza thalliet ghas-sentenza bil-fakolta' lill-partijiet li jaghmlu nota ta' osservazzjonijiet finali;

Ra n-nota ta' osservazzjoniet finali tas-socjeta' konvenuta Bank of Valletta plc tal-14 ta' Settembru 2005 (fol 90) u dik tas-socjeta' kjamata in kawza tas-27 ta' Settembru 2005 (a fol 96)

Ra illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza in difetto ostakolo, anke jekk is-socjeta' attrici baqghet ma resqitx n-nota ta' osservazzjonijiet finali taghha;

Ikkunsidra:

Illi filwaqt illi s-socjeta' attrici tirriklama l-hlas ta' sitt mija, erbgha u hamsin Liri Maltin u tletin centezmu (Lm654.30) rapprezentanti danni sofferta minnha mill-Bank of Valletta plc meta cheque pagabbli lilha issarraf lil terzi persuni mhux awtorizzati, l-Bank konvenut u l-Bank kjamat in kawza donnhom qed iwwahhlu f'xulxin dwar ta' min hu t-tort ghal tali akkadut.

Illi c-cheque kien datat 5 ta' Ottubru 2002 (5-10-02), b'dana kollu, kif xehdet Catherine Fenech in rapprezentanza tal-Bank HSBC kjamat in kawza, ic-cheque gie depositat fit-12 ta' Settembru 2002 (fol 72), allura l-fuq minn tlett gimghat qabel ma c-cheque seta' effettivament jissarraf. Harsa lejn iz-zewg nahiet tac-cheque in kwistjoni (kopja tieghu tinsab a fol 27) tikkonferma dan.

Illi meta xehed l-PL Joseph Zammit in rapprezentanza tal-Bank konvenut, (fol 36 et seq) dan spjega illi meta jkun hemm haga li mhix cara fuq ic-cheque, bhal per ezempju zewg payees u b'kitba differenti, jew almenu illi tidher differenti, "ic-cheque ikun dubjuz. Meta jkun hemm din it-tip ta' problema probabilment il-kaxxier normalment jirreferi lill-Bank Manager li mbaghad juza' l-gudizzju tieghu x'ghandu jsir".

Illi l-istess PL Zammit ighid (fol 38) illi "meta jkun hemm cheque pagabbli lil tnejn min-nies normalment irid ikun hemm il-firma taz-zewg beneficcjarji u cioe' l-endorsement irid isir mit-tnejn minn nies li isimhom ikun indikat bhala beneficjarji fuq ic-cheque".

Illi kif stipulat fil-form 29 (9/92) 'Appointment of Bankers' esebita a fol 41, u sjentament referenza ghal klawsola 3 ta' l-istess dokument li jghid illi l-Bank kjamat in kawza dak iz-zmien Mid-Med Bank Ltd kien obbligat "to treat all cheques, drafts, bills of exchange, promissory notes, acceptances, negotiable instruments and orders as being endorsed on behalf of the Company and to discount or otherwise deal with them provided such endorsements purport to be signed by Mr K Attard or Mr G Attard", u fuq l-istess dokument hemm anke specimen signatures ta' l-istess zewg firmatarji.

Illi meta xehed Clint Cremona (fol 67 et seq) huwa qal illi "is-socjeta' A & J Company Limited hallset ghas-servizzi ta' ghoti ta' diesel u petrol li kien jinghata, liema petrol u diesel kien jappartjeni lis-socjeta' attrici u kien jinghata mill-istess socjeta' attrici".

Illi quddiem dikjarazzjoni bhal din u meta l-istess Clint Cremona jammetti illi huwa ghadda biex iddeposita c-cheque fil-kont tieghu meta hu "ma jafx ta' xhiex hallsuni s-socjeta' A & J Company Ltd", it-Tribunal ftit jifhem kif il-partijiet interessati ma gabux prova quddiem dan it-Tribunal illi ttiehdu jew qed jittiehdu passi fil-konfront ta' l-istess xhud;

Illi jibqa’ l-fatt pero’ illi dan it-Tribunal irid biss jiddeciedi l-vertenza illi ghandu quddiemu u dan fil-parametri li lilu tpoggiet l-istess vertenza;

Illi Mario Grech, Assistant Manager fil-Clearing Services Department tal-Bank kjamat in kawza HSBC, stqar (fol 79 et seq) illi c-cheque gie depositat fil-kont ta’ Clint Cremona u peress illi kien cheque tal-Bank of Valletta, ic-cheque mar ghand il-Bank of Valletta u mbaghad jiddeciedi hu jonorax ic-cheque jew jibghatux lura. Dan, il-Bank of Valletta kellu jaghmlu fi zmien erbat ijiem tax-xoghol u f’dan il-kaz partikolari f’dawk l-erbat ijiem il-Bank of Valletta ma’ hareg ebda notament.

Illi l-istess Mario Grech ighid illi l-flus jigu depositati fil-kont tal-persuna illi jkun indikat fuq l-envelope tal-ATM. “Meta Clint Cremona ghamel id-depositu fl-ATM huwa uza l-card tieghu u allura c-cheque gie depositat f’dan l-account”.

Illi l-istess Mario Grech ighid illi “meta c-cheque jintbaghat lill-bank iehor jigi klirjat, il-bank l-iehor ma jkunx jaf f’liema kont gie depositat l-ammont”, u jkompli ighid illi l-Bank HSBC ma ghamel ebda verifika dwar jekk Clint Cremona hux Direttur ta’ Cornflower Shipping Limited jew le.

It-Tribunal jikkunsidra ulterjorment:

1) Illi konsonanti anke ma’ l-Artikolu 123 tal-Kap 16, biex cheque ikun miktub tajjeb u jkun jista’ jservi ghall-iskop li ghalih ikun inhareg, irid ikollu d-data, l-isem ta’ dak li lilu ghandu jsir il-hlas, l-ammont fi kliem u l-istess f’numri u l-firma jew firem tal-persuna/persuni awtorizzati johorgu tali cheque.
Illi dawn l-elementi ta’ cheque miktub tajjeb mhux qeghdin hemm ghall-gost – imma sabiex iservu biex ic-cheque mahrug iservi d-destinazzjoni sewwa tieghu u jservi l-fini tieghu kif trid l-istess ligi. Huwa ghalhekk illi ghandu dejjem jigi assikurat illi d-dettalji fuq ic-cheque ikunu verifikati tul il-process kollu.

2) Illi kull bank kummercjali ghandu ghalhekk obbligu lejn it-traent u l-payee fuq cheque illi jara illi c-

cheque ikun tajjeb sabiex isir il-hlas bih, u kull bank kummercjali ghandu jerfa' r-responsabbilita' ta' eghmilu u xogholu fil-process shih sakemm dak ic-cheque iservi d-destinazzjoni tieghu;

3) Illi mill-provi kollha prodotti jidher pacifiku illi l-obbligi li kellu l-Bank konvenut Bank of Valletta fil-kors shih ta' dan ic-cheque – dawn issodisfhom. Jirrizulta illi darba illi c-cheque ntbaghat ghand il-Bank of Valletta ghall-clearance, allura dan il-Bank of Valletta kellu jara illi hemm fondi fil-kont tat-traent indikat fuq l-istess cheque u jara ukoll illi gie iffirmat minn persuni awtorizzati jiffirmaw ghan-nom ta' l-account holder tac-cheque in kwistjoni. Mill-provi prodotti jidher illi dan huwa dak illi kellu jaghmel il-Bank of Valletta konvenut – u dan li ghamel.

4) Illi mhux l-istess pero' jista jinghad ghal Bank kjamat in kawza HSBC Bank (Malta) plc.

5) Qabel xejn jigi nnutat illi d-data tac-cheque hija dik tal-5 ta' Ottubru 2002. B'dan kollu jirrizulta illi c-cheque gie depositat fit-12 ta' Settembru 2002, kwazi erba' gimghat qabel id-data tac-cheque. It-Tribunal ihoss illi hadd ma ghandu jinheba wara l-proceduri ta' depositu bil-ATM.
Il-prassi, prattika u konswetudini tal-kaxxiera fil-banek hija illi meta in persona, individwu jipprezenta cheque qabel id-data indikata, il-kaxxier jitlob illi tmur fid-data indikata jew wara u la jsarraf u lanqas ighaddi dan ic-cheque qabel iz-zmien. Kull Bank kummercjali illi joffri servizz ta' ATM ghandu ukoll jara u jassikura illi din il-prattika tithaddem ukoll bis-sistema ta' l-ATM deposits, u t-Tribunal ihoss illi flok jghaddi c-cheque ghall-clearance, il-Bank kjamat in kawza kellu jibghat ghad-depositant (l-kont tieghu kien in effetti ma' l-istess Bank HSBC) u jgharfu illi l-istess Clint Cremona kellu jipprezentah ghad-depositu mhux qabel id-data fuq ic-cheque. It-Tribunal jattribwixxi dan b'nuqqas serju da parti tal-Bank HSBC Bank (Malta) plc.

6) Ukoll u anke jekk cheque jigi depositat bil-proceduri ta' l-ATM, il-Bank li jircievi l-istess cheque, hekk kif jaghmel kaxxier meta cheque jigi pprezentat minn

individwu in persona, ghandu jara illi huwa car lil min kien pagabbli dak ic-cheque. Huwa pacifiku illi jinghad illi l-payee fuq ic-cheque mertu ta' din il-kawza huwa ferm dibbjuz. Hija s-socjeta' Cornflower Shipping Ltd? Clint Cremona? It-tnejn? Ghaliex wiehed (s-socjeta') qedgha fil-brackets? Xi tfisser din? Ghaliex kitba u kalligrafija diversa? It-Tribunal ma jifhimx kif dawn id-domandi kollha jew almenu uhud minnhom ma sarux mill-Bank li ircieva c-cheque sabiex jipprocessah.

7) Illi kif xehed Mario Grech mill-Bank kjamat in kawza HSBC Bank (Malta) plc – cheque depositat bl-ATM jigi depositat fil-kont indikat mill-persuna illi jkun kiteb l-envelope ta' l-ATM. It-Tribunal ihoss illi f'cirkostanzi fejn ma hemmx il-kuntatt dirett tal-persuna mal-Bank tramite l-kaxxier tieghu, meta mhux possibli illi l-kaxxier jitlob l-I.D. Card tal-persuna depositant, meta l-kaxxier mhux f'posizzjoni illi jikklirja xi ambigwita' ma' l-istess depositant, allura l-Bank, ikun liema jkun, filwaqt illi ghandu jippromwovi dejjem aktar sistemi aktar efficjenti u komdi bhal ma hi l-ATM, b'dana kollu ghandu dejjem jara u jassikura illi jaqdi l-funzjonijiet shah tieghu b'diligenza shiha sabiex la jimmina l-fiducja tan-nies/klijenti tieghu fis-sistemi tieghu stess u lanqas ma' joffri possibilitajiet ta' abbuz jew nuqqas ta' kontrolli soliti ghall-ahjar andament ta' kull procedura bankarja, inkluz servizz maghmul uzu minnu mill-klijenti tieghu stess.

8) Fid-dawl ta' dan kollu, it-Tribunal ma jistghax ma jasalx ghal konkluzjoni illi d-danni sofferenti mis-socjeta' attrici huma konsegwenza ta' nuqqasijiet tal-Bank HSBC Bank (Malta) plc, u fid-dawl tal-provi kollha migbura, kieku l-Bank kjamat in kawza, mexa b'aktar kawtela, kieku l-probabbilita' kienet tkun illi s-socjeta' attrici ma kinitx tbaghti l-konsegwenzi li rrizultaw.

Ghaldaqstant, it-Tribunal, wara illi ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, inkluz x-xhieda u d-dokumenti kollha prodotti, b'ekwita' jaqta' u jiddecidi billi filwaqt illi jilqa' t-talbiet attrici fil-konfront tal-Bank kjamat in kawza HSBC Bank (Malta) plc, jichad l-eccezzjonijiet kollha ta' l-istess Bank HSBC Bank (Malta) plc, inkluz l-eccezjoni

ulterjuri u jilqa’ l-eccezzjonijiet tal-Bank konvenut Bank of Valletta plc, b’dan illi t-Tribunal jordna lill-Bank HSBC Bank (Malta) plc sabiex ihallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ sitt mija, erbgha u hamsin Liri Maltin u tletin centezmu (Lm654.30) ghar-ragunijiet msemmija fl-Avviz stess, bl-imghax legali mid-data tal-prezentata ta’ l-Avviz.

Bl-ispejjez kollha kontra l-Bank kjamat in kawza HSBC Bank (Malta) plc.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------